**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Illum 22 ta' Novembru 2021**

**Rik.Gur. Nru. : 79/2021 JPG**
**Kawza Nru.:**

**Nazzareno Carabott (K.I. 046550564 M)**

**Vs**

**1. Direttur Registru Pubbliku**
**2. Ruth (Gertrude) Ciangura**
**3. U b'digriet tad-9 ta' Marzu 2021 gew nominati Dr Fransina Abela u PL Quentin Tanti bhala kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-minuri Mariah Carabott ghal kull interess li jista' jkollha fil-kawza.**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' Nazzareno Carabott datat 8 ta' Marzu 2021, a fol 1 et seqq., li wara li ddikjara dak premess huwa talab lil din il-Qorti:

*Ghaldaqstant l-esponent, in vista ta' dak kollu fuq premess, jitlob li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

1. *Fl-ewwel lok tiddikjara li l-esponent ma huwiex il-missier naturali tal-intimata Mariah Carabott, occorrendo bir-rizultati ta' testijiet genetici appositi;*

2. *Tawtorizza l-korrezzjoni ta' l-Att tat-Twelid tal-minuri Mariah Carabott li jgib in-numru progressiv ta' l-iskrizzjoni elfejn, tlett mija u hdax tas-sena elfejn u hdax (2311/2011), u billi tordna lill-intimat id-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel il-korrezzjonijiet mehtiega kif gej;*

   (i) *Fil-kolonna li tirraprezenta isem ukunjom il-missier, jikkancella l-kliem Nazzareno Caabott u l-eta, n-numru tad-dokument tal-kart tal-identita, l-post tat-twelid u r-residenza tal-esponent, kif ukoll l-isem u l-kunjom missier l-esponent u jekk huwiex haj jew mejjet, kif ukoll referenza ohra li tirrigwarda lill-esponent;*
   (ii) *U tawtorizza u tordna kull modifika ohra in vista ta' l-ewwel u t-tieni talba, u jekk ikun opportun, f'kull att iehor relattiv u sussegewenti.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 5 ta' April 2021, a fol 13 et seqq., li taqra hekk:

1. *Illi in linea preliminari, huwa essenzjali għall-integrita' tal-ġudizzju li r-rikorrent jitlob il-korrezzjoni fl-okkju tal-proċedura istanti ai termini tal-Artikolu 175 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex isem l-intimata jkun jidher bħala 'Ruth (Gertrude)' u mhux 'Gertrude', stante li dan huwa l-isem li jappartjeni lilha hekk kif jirriżulta mill-Att tat-twelid tal-minuri Mariah Carabott;*

2. *Illi in linea preliminari wkoll, l-esponent qiegħed jassumi illi din il-kawża ġiet intavolata ai termini tal-Artikolu 70, sub-inċiż (1) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, stante li l-kawża istanti si tratta proprju denegata paternita';*

3. *Illi bla preġudizzju għas-suespost u fil-mertu, l-esponent jistqarr li huwa mhuwiex edott mill-fatti li ġew indikati fir-rikors ġuramentat;*

4. *Illi r-rikorrent jeħtieġlu primarjament jipprova u jissodisfa minn talanqas waħda miċ-ċirkostanzi elenkati fl-Artikolu 70, sub-inċiż (1) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Għal tali fini, l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti tistieden lill-partijiet kollha konċernanti sabiex jissottomettu ruħhom għat-testijiet ġenetiċi kif provdut fl-Artikolu 70A, sub-inċiż (2) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex tiġi vverifikata l-allegazzjoni tar-rikorrent li huwa mhuwiex il-missier bijoloġiku ta' Mariah Carabott. F'tali ċirkostanza, l-esponent, stante li huwa m'għandux x'jaqsam mal-mertu tal-kawża istanti, jirrimetti ruħu għar-riżultanzi istruttorji;*

5. *Illi bla preġudizzju għas-suespost, il-partijiet kontendenti għandhom jiddeċiedu b'mod definittiv liema kunjom għandha tassumi l-minuri Mariah Carabott;*

6. *Illi subordinatament u dejjem bla ħsara għas-suespost, f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrent, l-esponent jirrileva li huwa importanti li l-kelmiet 'the said' li jinsabu qabel isem Nazareno Carabott , senjatament taħt il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati t-tagħrif dwar l-omm, għandhom flimkien mal-konnotati tar-rikorrent jiġu kkanċellati mill-Att tat-Twelid ta' Mariah Carabott;*

7. *Illi finalment, u dejjem mingħajr preġudizzju għas-surreferit, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ, l-azzjoni odjerna mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir tal-esponent u għaldaqstant huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;*

8. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż kontra r-rikorrent li qiegħed minn issa inġunt in subizzjoni.*

Rat in-Nota tal-intimata datata 13 ta' April 2021, fol 19, li biha ammettiet it-talbiet attrici;

Rat ir-risposta tal-kuraturi deputatu Dr Fransina Abela u PL Quentin Tanti, datata 13 ta' Mejju 2021, a fol 20, li taqra hekk:

*Illi huma fil-kapacita taghhom ta' kuraturi deputati ma humiex eddotti mill-fatti li taw lok ghal din il-kawza u ghaldaqstant jirriservaw illi jdahhlu eccezzjonijiet aktar ' il quddiem.*

Rat id-digriet taghha tal-24 ta' Mejju 2021, li permezz tieghu sar korrezzjoni f'isem l-intimata, li minn Gertrude ghandu jaqra Ruth (Gertrude); (vide fol 21);

Rat in-Nota ta' Nazzareno Carabott li permezz taghha esebixxa kopja legali taddigriet li bih gie awtorizzat jipprocedi bil-kawza odjerna (vide fol 25);

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kas;

Ezaminat x-xhieda bil-gurament;

**Ikkonsidrat:**

Illi din hija kawza ta' *denegata paternita'*, permezz ta' liema r-rikorrenti Nazzareno Carabott qieghed jitlob li jigi dikjarat li m'huwiex il-missier naturali ta' Mariah Carabott. Illi r-rikorrenti zzeweg lill-intimata Ruth (Gertrude) Ciangura u cioe omm il-minuri fit- 3 ta' Marzu 1988. Illi jirrizulta illi l-intimata kienet intavolat proceduri ta'separazzjoni personali kontra r-rikorrenti fit- 8 ta' Frar 2005, liema proceduri jgibu n-numru 35/2005 RGM. Illi ciononostante, jidher illi l-partijiet kienu ilhom separate b'mod de facto minn zmien abel ma gew intavolati l-proceduri ta' separazzjoni. Jidher illi fil-mori tal-proceduri ta'separazzjoni twieldet il-minuri Mariah Carabott fid- 29 ta' Gunju 2011 kif jirrizulta mill-Att tat-Twelid *a fol 6 tal-process*, u effettivament giet registrata bhala wild l-attur u l-intimata stante li l-partijiet kienu ghadhom legalment mizzewgin. Illi kif *ex admissis* tirrileva l-intimata stess, il-minuri m'hiex bint l-attur, izda twieldet minn relazzjoni intima li l-intimata kellha ma' terzi. Illi l-imsemmija minuri llum ghandha circa disa' (9) snin. Illi sussegwentement, is-separazzjoni personali bejn il-partijiet giet dikjarata permezz ta-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta datata 27 t'Ottubru 2016.

Illi l-presunzjoni legali illi tarbija koncepita matul iz-zwieg hija l-wild naturali tal-konjugi tal-mara li weldet it-tarbija hija biss presunzjoni *juris tantum* u dan kif ikkonfermat fis-sentenza

ta' din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet ***Diane Lia proprio et nomine vs Mohamed Melikechi u Direttur Registru Pubbliku***, per Onor. Imhallef Dr.Philip Sciberras:

> ***"Jinsab pacifikament stabbilit illi "din il-presunzjoni m'hijiex assoluta, imma biss 'juris tantum' u ssir 'juris et de jure' meta l-istat ta' tifel legittimu jirrizulta mhux biss mill-att tattwelid, imma wkoll bil-pussess ta' stat konformi ghal dak l-att," (Vol. XXXVII P II pg 768); Fi kliem iehor, "il principio 'pater is est quem iustae nuptiae demonstrant' e` applicabile in senso assoluto al solo caso in cui la filiazione fosse provata coll`atto di nascita` e con un possesso di stato conforme allo stesso;…" (Vide VOL XXIII P II pg 128)***

Sabiex tirnexxi kawza ta' *denegita paternita'* ai termini tal-Artikolu 70(1)[1] hemm bzonn li jigu sodisfatti tlett rekwiziti:

> 1. *Illi l-kawza intavolata mir-ragel issir kontra martu u kontra l-wild jew kuratur appuntat nominat sabiex jirraprezenta l-interessi tal-wild u dan ai termini tal-artikolu 75 tal-Kap 16;*
>
> *2. Illi l-kawza issir entro t-terminu stabbilit fl-Artikolu 73 (c), u cioe fi zmien sitt xhur mit-twelid tat-tarbija jekk il-konjugu kien jinstab Malta, jew minn dakinhar li l-konjugu jirritorna lura Malta, jew minn dakinhar li jinkixef l-qerq jekk it-twelid ikun gie mohbi mill-konjugi. Fin-nuqqas, huwa wkoll possibli li tigi istwita din il-kawza jekk ir-rikorrent jottjeni awtorizazzjoni mill-Qorti, skont l-ewwel proviso ta' dan l-artikolu; u*

[1] Art. 70(1) Kull konjuġi, ħlief konjuġi li jkun wiled lill-wild,jista' jagħmel rikors sabiex jiċħad li hu l-ġenitur ta' wild imwieled matul iż-żwieġ –
(a) jekk jipprova illi, fiż-żmien bejn it-tliet mitt jum u l-mija u tmenin jum qabel it-twelid tal-wild, hu kien fl-impossibbiltà fiżika li jgħammar mal-konjuġi li wiled minħabba li kien 'il bogħod mill-imsemmi konjuġi,jew minħabba xi aċċident ieħor; jew
(b) jekk jipprova li fiż-żmien hawn fuq imsemmi, kien mifrud de facto jew legalment separat mill-konjuġi li wiled:Iżda ma jistax jiċħad lill-wild jekk matul dak iż-żmienikun reġa' ngħaqad mal-konjuġi tiegħu, ukoll jekktemporanjament; jew
(ċ) jekk jipprova li fiż-żmien hawn fuq imsemmi kien milqut b'impotenza, ukoll jekk dik l-impotenza kienetwaħda fit-tnissil; jew
(d) jekk jipprova li fiż-żmien hawn fuq imsemmi l-konjuġi li wiled kien għamel adulterju jew kien ħeba t-tqala u t-twelid tal-wild; jew
(e) jekk jipprova xi fatt ieħor, li jista' wkoll jirriżulta minn testijiet u provi ġenetiċi u xjentifiċi li x'aktarxjeskludu li l-konjuġi huwa l-ġenitur.

*3. Li ssir prova skont kif stabbilit fl-Artikolu 70 (1) li tindika li r-rikorrent m'huwiex il-missier naturali ta' dak il-wild.*

Il-Qorti rat illi din il-kawza giet istwita mir-rikorrent kontra martu Ruth (Gertrude) Ciangura u li wara rikors intavolat mill-attur fit 8 ta' Marzu 2021[2], b'digriet tad- 9 ta'Marzu 2021 ta' din il-Qorti gew nominati minn din il-Qorti Dr Fransina Abela u l- PL Quentin Tanti bhala Kuraturi Deputati sabiex jirraprezentaw lill-minuri Mariah Carabott fil-proceduri odjerni u dan ai termini tal-Ligi u ghalhekk l-ewwel rekwizit jinsab sodisfatt.

Il-Qorti rat ukoll illi r-rikorrenti prezenta rikors datat 24 ta' Frar 2021 ai termini tal-artikolu 73(c), fejn talab l-awtorizzazzjoni sabiex jipprosegwi bil-kawza ai termini tal-artikolu 70 tal-Kodici Civili stante t-trapass tas-sitt xhur mit-twelid tal-minuri,[3] liema talba giet milqugha permezz ta' digriet datat 25 ta' Frar 2021 minn din il-Qorti diversament preseduta. Illi ghalhekk dan ir-it-tieni rekwizit huwa palezament sodisfatt.

Fir-rigward tat-tielet rekwizit, u cioe dak rigwardanti l-prova li tindika li l-attur mhuwiex il-missier naturali tal-minuri, il-Qorti taghraf illi skont l-artikolu 70 (1) (d) u (e) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta:

***"Kull konjuġi, ħlief konjuġi li jkun wiled lill-wild, jista' jagħmel rikors sabiex jiċħad li hu l-ġenitur ta' wild imwieled matul iż-żwieġ – [omissis]***

***(d) Jekk jipprova li fiż-żmien hawn fuq imsemmi l-konjuġi li wiled kien għamel adulterju jew kien ħeba t-tqala u t-twelid tal-wild; jew***

***(e) Jekk jipprova xi fatt ieħor, li jista' wkoll jirriżulta minn testijiet u provi ġenetiċi u xjentifiċi li x'aktarx jeskludu li l-konjuġi huwa l-ġenitur."***

Il-Qorti rat ukoll illi skond l-artikolu 70(2) u (4):

---

[2] Vide rikors u digriet a fol 9 tal-process.
[3] Vide rikors a fol 27.

> ***(2) Id-dikjarazzjoni tal-konjuġi li wiled fis-sens li l-konjuġi l-ieħor mhux il-ġenitur naturali tal-wild għandha tingħata konsiderazzjoni f'kawża li tkun tirrigwarda l-esklużjoni tal-konjuġi l-ieħor minn ġenitur…***
>
> ***(4) Fin-nuqqas ta' provi ġenetiċi u xjentifiċi, il-Qorti Ċivili(Sezzjoni tal-Familja) tista' tikkunsidra kwalunkwe evidenza oħra ppreżentata lilha li dik il-Qorti tqis bħala relevanti, inkluż illi tislet inferenzi mill-fatt illi persuna ma tkunx ipprovdiet kampjunġenetiku minkejja li tkun ġiet ordnata li tagħti dak il-kampjun.***

Il-Qorti illi l-partijiet ma pprezentaw l-ebda testijiet genetici li effettivament jindikaw li r-rikorrenti mhwiex il-missier biologiku tal-minuri. Illi ghalkemm tali testijiet huma meqjusa bhala l-prova regina f'dawn il-kawzi, il-Kodici Civili jikkoncedi lill-Qorti tikkunsidra provi ohra bhal dikjarazzjonijiet tal-konjugi li wiled li l-konjugi l-iehor mhuwiex il-genitur naturali tal-wild. Il-Qorti tosserva illi apparti l-fatt li permezz ta' nota, l-intimata ammettiet it-talbiet attrici,[4] l-intimata kienet intavolat proceduri ta'separazzjoni fit- 8 ta' Frar 2005 u cioe ben sitt (6) snin qabel ma twieldet il-minuri. Illi ghalkemm il-proceduri ta'separazzjoni gew decizi fis-27 t'Ottubru 2016 u cioe wara t-twelid tal-minuri kif osservat iktar kmieni, il-verzjoni tal-attur hija kkonfermata mill-intimata stess stante li f'rikors intavolat minnha stess fl-atti ta' Rikors Generali bin-numru 5/2021 AGV hija tikkonferma illi: ***"…ghalkemm il-minuri hija registrata bhala il-bint ta' Nazzareno Carabott, effettivament m'hijiex it-tifla naturali tieghu."***[5] Fid-dawl ta' dan, il-Qorti tqis illi t-talba tar-rikorrent illi jigi dikjarat m'huwiex il-missier bijolgiku ta' Mariah Carabott tinsab pruvata.

Il-Qorti hija ghalhekk sodisfatta mill-provi mressqa, li r-rikorrent m'huwiex il-missier bijologiku tal-minuri u li r-rekwizti kollha necessarji sabiex tkun tista' tigi promossa din l-azzjoni huma sodisfatti. Ghalhekk il-Qorti tqis illi li t-talbiet tieghu sabiex jigi dikjarat gudizzjarment li huwa mhux il-missier naturali tal-imsemmija minuri huma fondati kemm fid-dritt u kif ukoll fil-fatt u ghaldaqstant jisthoqqu li jigu milqugha.

Fir-rigward il-kwistjoni tal-kunjom tal-minuri, il-Qorti rat illi t-tieni proviso tal-Artikolu 73 tal-Kodici Civili jipprovdi illi:

---

[4] Vide Nota tal-intimata a fol 19 tal-process.
[5] Vide rikors immarkat bhala Dok B a fol 7 tal-process.

***"Iżda wkoll, meta kawża sabiex jiġi miċħud wild issir minn xi wieħed mill-konjuġi wara li jkunu għaddew il-perjodi stipulati fil-paragrafi (a), (b) jew (ċ) skont lewwel proviso ta' dan l-artikolu, kull sentenza li biha l-wild jiġi miċħud ma jkollhiex l-effett illi tbiddel il-kunjom tat-tifel jew ta' xi persuna oħra li tkun ħadet kunjomha mingħand it-tifel sakemm il-qorti, fuq talba ta' xi waħda mill-partijiet magħmula jew fir-rikors ġuramentat li bih tkun inbdiet il-kawża jewb'rikors separat magħmul matul il-kawża, ma tipprovdix xort'oħra."***

Il-Qorti rat illi fis-seduta tal- 24 ta'Mejju 2021, seduta stante gie maqbul bejn il-partijiet li l-minuri ghandha tiehu kunjom ommha u cioe Ciangura.[6]

Rigward il-kap tal-ispejjez, hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi l-ispejjes tal-kollha ta'dawn il-proceduri, ghandhom jinqasmu bejn il-partijiet u dana stante li l-attur kien jaf mit-twelied li l-minuri mhiex il-wild naturali tieghu.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet tar-rikorrent u:**

**1. Tiddikjara u tiddeciedi illi r-rikorrent, Nazzareno Carabott, m'huwiex il-missier naturali ta' Mariah Carabott li twieldet nhar id-29 ta'Gunju 2011, konsegwentement;**
**2. Tiddikjara illi kunjom il-minuri Mariah ghandu jkun Ciangura;**
**3. Tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku ihassar minn fuq l-att tat-twelid tal-minuri Mariah, liema att ghandu n-numru 2311/2011 kull referenza ghar-rikorrent, Nazzareno Carabott, senjatament izda mhux biss ismu, kunjomu, il-post tat-twelid tieghu, il-post tar-residenza tieghu, isem u kunjom missier ir-rikorrent, huwiex haj jew mejjet, l-eta' tar-rikorrent u kwalsiasi taghrif iehor relattiv ghar-rikorrent u li jidher mill-att tat-twelid citat, filwaqt li wara isem Ruth (Gertrude) Carabott nee' Ciangura fis-sitt kolonna tal-att ta' twelid tal-minuri Mariah, jitnehhew il-kliem "the said".**

**L-ispejjez kollha ghandhom jithallsu mill-partijiet Nazzareno Carabott u Ruth (Gertrude) Ciangura b'mod ugwali.**

---

[6] Vide fol 21 tal-process.

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Christabelle Cassar/ Lorraine Dalli**

**Deputat Registratur**